32006D0656

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Settembru 2006

li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjonijiet ta' ħut għal fini ornamentali

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 4149)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/656/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li tikkonċerna l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tqegħid fuq is-suq ta' l-annimali u prodotti ta' l-akwakultura [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3), l-Artikolu 20(3) u l-Artikolu 21(1) tagħha,

Billi:

(1) Lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet tagħhom minfejn l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ħut ħaj, il-bajd jew il-gameti tagħhom għat-trobbija għal skopijiet kummerċjali fil-Komunità u l-kondizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għal konsenji ta' din ix-xorta hija stabbilita permezz tad-Deċiżjoni 2003/858/KE tal-21 ta' Novembru 2003 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali u l-ħtiġijiet ta' ċertifikazzjoni għal importazzjonijiet ta' ħut ħaj, il-bajd u l-gameti tagħhom maħsuba għall-biedja, u ħut ħaj li joriġina mill-akwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għall-konsum uman [2].

(2) Id-Deċiżjoni 2003/858/KE ma tapplikax għall-ħut tropikali ornamentali miżmum b'mod permanenti fl-akkwarji, u għaldaqstant il-kondizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-ħut tropikali ornamentali mhumiex armonizzati fuq livell Komunitarju.

(3) Hemm kummerċ sinifikanti fil-ħut ornamentali ma' pajjiżi terzi u tqajmu mistoqsijiet rigward l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2003/858/KE fejn għandu x'jaqsam il-ħut ornamentali.

(4) Ċerti pajjiżi terzi kienu inklużi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2003/858/KE għall-fini ta' esportazzjoni ta' ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ biss. Dawn il-pajjiżi għalhekk għandhom jidhru fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

(5) Bħalissa, 14-il Stat Membru fasslu ċertifikati nazzjonali sanitarji ta' l-annimali b'kondizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali differenti għall-ħut ornamentali. Sabiex ikun hemm semplifikazzjoni, għall-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera Komunitarja, għall-industrija Ewropea tal-ħut ornamentali, kif ukoll għall-imsieħba kummerċjali tal-pajjiżi terzi, dawk il-kondizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali u ċ-ċertifikati mudell għandhom jiġu armonizzati.

(6) Il-kondizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali u ċ-ċertifikati mudell speċifiċi għall-ħut ornamentali, għandhom jitfasslu skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċertifikati stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/858/KE, fejn jitqies l-użu speċifiku ta' dawn l-annimali fil-Komunità, u s-sitwazzjoni sanitarja ta' l-annimali tal-pajjiż terz ikkonċernat, sabiex tiġi evitata l-introduzzjoni ta' marda li tista' tikkawża impatt sinifikanti fuq l-istokk tal-ħut imrobbi għal skopijiet kummerċjali u tal-ħut selvaġġ fil-Komunità jekk tiġi introdotta u titħalla tinfirex.

(7) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar ċ-ċertifikazzjoni ta' l-annimali u tal-prodotti ta' l-annimali [3] tistabbilixxi l-istandards taċ-ċertifikazzjoni. Ir-regoli u l-prinċipji applikati minn uffiċjali li jiċċertifikaw ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu garanziji li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dik id-Direttiva.

(8) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjoni Komunitarja jew nazzjonali dwar il-konservazzjoni ta' l-ispeċijiet.

[1] ĠU L 46, 19.2.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU L 324, 11.12.2003, p. 37. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni 2005/742/KE (ĠU L 279, 22.10.2005, p. 71).

[3] ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.

(9) L-Istati Membri u l-Pajjiżi Terzi jeħtieġu ftit taż-żmien sabiex jadattaw irwieħhom għar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ta' l-importazzjoni l-ġodda. Din id-Deċiżjoni għalhekk m'għandhiex tkun applikabbli minnufih.

(10) Din id-Deċiżjoni ġiet innotifikata lill-Pajjiżi Terzi għall-kummenti skond il-ftehim tal-WTO dwar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji.

(11) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ambitu

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli sanitarji ta' l-annimali armonizzati għall-importazzjoni tal-ħut ornamentali fil-Komunità.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal:

(a) ħut maqbud fl-ambjent naturali tiegħu, li ġie importat sabiex jintuża bħala ħut ornamentali,

(b) ħut ornamentali importat minn trasbordaturi u grossisti,

(ċ) ħut ornamentali importat fi ħwienet li jbiegħu l-annimali domestiċi, ċentri tal-ġonna, għadajjar tal-ġonna, akkwarji tal-wiri u negozji simili mingħajr kuntatt dirett ma' l-ilmijiet Komunitarji.

Artikolu 2

Id-definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, minbarra d-definizzjoni fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 91/67/KEE, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) *"ħut ornamentali"* tfisser ħut li jinżamm, jitrabba, jew jitqiegħed fuq is-suq għal finijiet ornamentali biss;

(b) *"ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ"* tfisser ħut ornamentali ta' l-ispeċijiet li huma suxxettibli għal waħda jew aktar minn dan il-mard li ġej: in-nekrosi epiżotika li għandha x'taqsam mal-formazzjoni tad-demm jew taċ-ċelluli tad-demm (EHN), l-anemija infettiva tas-salamun (ISA), is-settiċemija emorraġika virali (VHS), in-nekrosi infettiva li għandha x'taqsam mal-formazzjoni tad-demm jew taċ-ċelluli tad-demm (IHN), il-preżenza ta' virus fid-demm fi żmien ir-Rebbiegħa tal-karpjun (SVC), il-marda batterjali tal-fwied (BKD), nekrosi infettiva tal-pankreas (IPN), il-virus ta' l-erpete tal-koi (KHV) u infezzjoni bil-*Gyrodactylus salaris*;

(ċ) "*ħut tropikali ornamentali*" tfisser ħut ornamentali li mhux ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ;

(d) "*trasbordaturi*" tfisser kumpaniji jew persuni li jfornu ħut ornamentali lil numru ta' bejjiegħa bl-imnut jew grossisti, billi jimportaw il-konsenji f'isimhom, u jikkonsenjaw l-ordnijiet separati direttament lill-klijenti fil-Komunità.

Artikolu 3

Il-kondizzjonijiet għall-importazzjonijiet tal-ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet tal-ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ fit-territorju tagħhom biss jekk:

(a) il-ħut joriġina minn pajjiż elenkat fi:

(i) l-Anness I għad-Deċiżjoni 2003/858/KE; jew

(ii) il-Part I ta' l-Anness I għal din id-Deċiżjoni;

(b) il-konsenja tikkonforma mal-garanziji, inklużi dawk għall-ippakkjar u għall-ittikkettar u mar-rekwiżiti addizzjonali speċifiċi xierqa li ġew stabbiliti fiċ-ċertifikat sanitarju ta' l-annimali, imfassal skond il-mudell fl-Anness II, fejn jitqiesu n-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness II; u

(ċ) il-ħut ġie ttrasportat f'kondizzjonijiet li ma jbiddlux l-istatus sanitarju tiegħu.

Artikolu 4

Il-kondizzjonijiet għall-importazzjonijiet tal-ħut tropikali ornamentali

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet tal-ħut tropikali ornamentali fit-territorju tagħhom biss jekk:

(a) il-ħut joriġina minn pajjiż elenkat fil-Parti II ta' l-Anness I għal din id-Deċiżjoni;

(b) il-konsenja tikkonforma mal-garanziji, inklużi dawk għall-ippakkjar u għall-ittikkettar u mar-rekwiżiti addizzjonali speċifiċi xierqa, kif inhu stabbilit fiċ-ċertifikat sanitarju ta' l-annimali, imfassal skond il-mudell fl-Anness IV, fejn jitqiesu n-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness III; u

(ċ) il-ħut ġie ttrasportat f'kondizzjonijiet li ma jbiddlux l-istatus sanitarju tiegħu.

Artikolu 5

Il-proċeduri ta' kontroll

Il-ħut ornamentali importat minn pajjiżi terzi għandu jkun soġġett għal kontrolli veterinarji fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fl-Istat Membru tal-wasla skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 91/496/KEE [1] u d-dokument komuni veterinarju għad-dħul provdut fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 282/2004 [2] għandu jimtela skond dan.

Artikolu 6

Il-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni ta' l-ilmijiet naturali

1. Il-ħut ornamentali importat skond din id-Deċiżjoni m'għandux jiġi rilaxxat fl-azjendi ta' l-akkwakultura, jew f'postijiet oħra minfejn jista' jaħrab għal, jew b'xi mod ieħor jikkontamina, l-ilmijiet naturali fil-Komunità.

2. L-ilma għat-trasport mill-konsenji importati għandu jkun immaniġġjat b'mod li jiżgura li ma jwassalx għal kontaminazzjoni ta' l-ilmijiet naturali fi ħdan il-Komunità.

Artikolu 7

Id-data ta' l-applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika 6 xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar l-20 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 58.
[2] ĠU L 49, 19.2.2004, p. 11.

ANNESS I

PARTI I

It-territorji minfejn huma awtorizzati l-importazzjonijiet tal-ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ fil-Komunità Ewropea

Il-pajjiż		It-territorju		Kummenti [1]
Kodiċi ISO	L-isem	Il-kodiċi	Id-deskrizzjoni	
BR	Il-Brażil			Cyprinidae biss
CO	Il-Kolombja			Cyprinidae biss
CG	Ir-Repubblika tal-Kongo			Cyprinidae biss
MK [2]	L-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja			Cyprinidae biss
JM	Il-Ġamajka			Cyprinidae biss
SG	Singapor			Cyprinidae biss
LK	Is-Sri Lanka			Cyprinidae biss
TH	It-Tajlandja			Cyprinidae biss

[1] ?
[2] ?

PARTI II

It-territorji minfejn huma awtorizzati l-importazzjonijiet tal-ħut tropikali ornamentali fil-Komunità Ewropea

Il-pajjiżi kollha li huma membri ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE).

[Il-lista tal-pajjiżi hija disponibbli fuq http://www.oie.int/eng/OIE/PM/en_PM.htm]

ANNESS II

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT SANITARJU TA' L-ANNIMALI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET TAL-ĦUT ORNAMENTALI TA' L-ILMA KIESAĦ FIL-KOMUNITÀ EWROPEA

Nota għall-importatur: Dan iċ-ċertifikat huwa biss għal finijiet veterinarji – u fil-forma oriġinali tiegħu – għandu jakkumpanja lill-konsenja sakemm tilħaq il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I : Dettalji tal-kunsinja mibghuta

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel. Nº

I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza | I.2.a

I.3. Awtorita Centrali kompetenti

I.4. Awtorita lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel. Nº

I.6.

I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi

I.11. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiż ta' ħsad
Isem
Indirizz

I.12.

I.13. Post ta' tgħabija
Indirizz

I.14. Data ta' tluq Ħin ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐
Identifikazzjoni:
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-d ħul fl-UE

I.17. Nru.(Nri) tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodita (Kodiċi CN)
0301 10

I.20. Numru/Kwantita

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' siġill

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati:
Pets ☐ Kwarantina ☐ Ċirku/Ezibizzjoni ☐ Ohrajn ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi	(Isem xjentifiku)	Kwantità

IL-PAJJIŻ **Il-ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ**

Parti II: iċ-ċertifikazzjoni

II.	Informazzjoni sanitarja	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

1. **Ir-rekwiżiti ġenerali għall-importazzjonijiet tal-ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ**

Jiena, l-ispettur uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ, imsemmi fil-kaxxa I.28 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:

– ġie spezzjonat fl-24 siegħa qabel l-iffirmar ta' dan iċ-ċertifikat, u ma wera l-ebda sinjal kliniku ta' mard

– mhux intenzjonat biex jinqered jew jintqatel sabiex marda tinqered mill-għeruq

– joriġina minn sors ([1]) fejn il-mard li ġej huwa notifikabbli lill-awtorità kompetenti ([2]): in-nekrosi epiżotika li għandha x'taqsam mal-formazzjoni tad-demm jew taċ-ċelluli tad-demm (EHN); l-anemija infettiva tas-salamun (ISA); is-settiċemija emorraġika virali (VHS); in-nekrosi infettiva li għandha x'taqsam mal-formazzjoni tad-demm jew taċ-ċelluli tad-demm (IHN); u l-marda tal-virus ta' l-erpete tal-koi (KHV)

– joriġina minn sors ([1]) fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa magħrufa ta' marda li tikkawża impatt sinfikanti lill-istokk matul l-aħħar sitt xhur qabel id-dispaċċ, u matul l-aħħar sentejn, l-ebda każ tal-mard EHN u ISA.

([4]) [2. **Ir-rekwiżiti sanitarji ta' l-annimali speċifiċi għall-importazzjoni fl-Istati Membri jew f'partijiet mill-Istati Membri li huma ħielsa mill-VHS u/jew mill-IHN**

Jiena, l-ispettur uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ, imsemmi fil-kaxxa I.28 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, joriġina minn sors ([1]) li, minbarra l-garanziji mogħtija fil-punt 1 ta' dan iċ-ċertifikat, huwa approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz bħala li għandu status sanitarju ekwivalenti għal Stati Membri jew żoni fi ħdan il-Komunità, bi status approvat rigward ([3])[il-VHS] ([3])[u] ([3])[l-IHN], minħabba li:

jew

— joriġina minn sors ([1]) fejn huwa magħruf li l-ebda waħda mill-ispeċijiet suxxettibbli ([5]) għall-([3])[VHS] ([3])[u] ([3])[għall-IHN] mhi preżenti

jew

— joriġina minn sors ([1]) meqjus ħieles mill-([3])[VHS] ([3])[u] ([3])[mill-IHN] skond il-leġiżlazzjoni rilevanti ta' l-UE ([6])]

([7]) [3. **Ir-rekwiżiti sanitarji ta' l-annimali speċifiċi għall-importazzjoni fl-Istati Membri b'garanziji addizzjonali għall-SVC, għall-BKD, għall-IPN u/jew għall-G. salaris**

Jiena, l-ispettur uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ, imsemmi fil-kaxxa I.28 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, joriġina minn sors ([1]) li, minbarra l-garanziji mogħtija fil-punti 1 u 2 ta' dan iċ-ċertifikat, huwa approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz bħala li għandu status sanitarju ekwivalenti għal dawk l-Istati Membri, b'garanziji addizzjonali rigward ([3])[l-SVC] ([3])[u] ([3])[l-BKD] ([3])[u] ([3])[l-IPN] ([3])[u] ([3])[l-Gyrodactylus salaris], minħabba li:

jew

— joriġina minn sors ([1]) fejn huwa magħruf li l-ebda waħda mill-ispeċijiet suxxettibbli ([5]) għall-([3])[SVC] ([3])[u] ([3])[għall-BKD] ([3])[u] ([3])[għall-IPN] ([3])[u] ([3])[għall-*Gyrodactylus salaris*] mhi preżenti

jew

— joriġina minn sors ([1]) fejn ([3])[l-SVC] ([3])[u] ([3])[l-BKD] ([3])[u] ([3])[l-IPN] ([3])[u] ([3])[l-*Gyrodactylus salaris*] huma notifikabbli lill-awtorità kompetenti, u huwa meqjus ħieles skond il-leġiżlazzjoni rilevanti ta' l-UE ([6])]

4. **Ir-rekwiżiti tat-trasport**

Barra minn hekk, immedjatament qabel it-trasport, il-ħut:

— jitqiegħed f'ilma ta' kwalità li ma jbiddilx l-istatus sanitarju tiegħu

— jitqiegħed f'kondizzjonijiet li ma jbiddlux l-istatus sanitarju tiegħu, u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet għall-benesseri ta' l-annimali stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) 1/2005

— jitqiegħed f'kontejners issiġġilati, li ma joħroġx ilma minnhom li huma ġodda, jew li ġew imnaddfa u ddiżinfettati qabel, li fuq barra għandhom fuqhom tikketta leġġibbli bl-informazzjoni rilevanti msemmija fil-kaxxi I.7 sa I.13 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat u bid-dikjarazzjoni li ġejja:

"Ħut ornamentali ta' l-ilma kiesaħ intenzjonat biss għal finijiet ornamentali fil-Komunità Ewropea"

Noti

(1) Is-sors jista' jkun pajjiż, parti minn pajjiż (żona) jew azjenda ta' l-akkwakultura individwali.

(2) Ir-rekwiżit tan-notifika huwa rilevanti biss fejn fit-territorju huma preżenti speċijiet suxxettibbli għall-marda.

(3) Żomm kif ikun xieraq.

(4) Il-punt 2 ta' dan iċ-ċertifikat għandu jimtela biss jekk il-post tad-destinazzjoni (il-kaxxi I.9 u I.10 tal-Parti I taċ-ċertifikat) jiġi ddikjarat ħieles mill-VHS u/jew mill-IHN, jew għaddej bi programm għal ħelsien ta' din ix-xorta, u l-konsenja tinkludi speċijiet li huma suxxettibbli għall-marda(mard) ikkonċernata(i) kif jissemma fin-nota 5. L-Istati Membri jew il-partijiet ta' l-Istati Membri koperti minn dawn id-dispożizzjonijiet huma elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2002/308/KE, u fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2003/634/KE, it-tnejn li huma kif ġew emendati l-aħħar.

(5) L-ispeċijiet suxxettibbli magħrufa

L-ISPEĊIJIET OSPITANTI SUXXETTIBBLI GĦALL-MARDA*

EHN	Il-perċa (*Perca fluviatilis*), it-trota tal-Paċifiku (*Oncorhynchus mykiss*)
ISA	Is-salamun ta' l-Atlantiku (*Salmo salar*) it-trota tal-Paċifiku (*Oncorhynchus mykiss*), it-trota tal-baħar (*Salmo trutta*).
VHS	Il-ħut li jappartjeni għall-familja Salmonideae, il-grayling [ħuta griża li tixbah lis-salamun (*Thymallus thymallus*), it-trota (*Coregonus spp.*), il-lizz (*Esox lucius*), il-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*), l-aringa u s-sardina (*Clupea spp.*), is-salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus spp.*), il-merluzz ta' l-Atlantiku (*Gadus morhua*), il-merluzz tal-Paċifiku (*G. macrocephalus*), il-bakkaljaw iż-żgħir *(G. aeglefinus*) u r-rockling (*Onos mustelus*).
IHN	Il-ħut li jappartjeni lill-familja Salmonidae, il-lizz (*Esox lucius*)
SVC	Il-karpjun komuni u l-karpjun koi (*Cyprinus carpio*), il-grass carp (*Ctenopharyngodon idellus*), il-karpjun fiddieni (*Hypophthalmichthys molitrix*), il-karpjun ta' rasu kbira (*Aristichthys nobilis*), il-karassju (*Carassius carassius*), il-ħuta l-ħamra (*Carassius auratus*),it-tinka (*Tinca tinca*) u x-sheatfish (*Silurus glanis*)
IPN	It-trota tal-Paċifiku (*Oncorhynchus mykiss*), it-trota tan-nixxiegħa (*Salvelinus fontinalis*), it-trota tal-baħar (*Salmo trutta*), is-salamun ta' l-Atlantiku (*Salmo salar*), u diversi speċijiet tas-salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus spp.*),
BKD	Il-ħut li jappartjeni lill-familja Salmonidae
Il-marda tal-virus ta' l-erpete tal-koi	Il-karpjun komuni u l-karpjun koi (*Cyprinus carpio*).
Gyrodactylus salaris	Is-salamun ta' l-Atlantiku (*Salmo salar*), it-trota tal-Paċifiku (*Oncorhynchus mykiss*), l-Arctic char (*Salvelinus alpinus*), it-trota tan-nixxiegħa ta' l-Amerika ta' Fuq (*S. fontinalis*), il-grayling (*Thymallus thymallus*), it-trota ta' l-għadira ta' l-Amerika ta' Fuq (*Salvelinus namaycush*) u t-trota tal-baħar (*Salmo trutta*). Speċijiet oħra ta' ħut f'siti fejn kwalunkwe waħda mill-ispeċijiet t'aktar 'il fuq huma preżenti għandhom jitqiesu wkoll bħala speċijiet suxxettibbli.

* U kwalunkwe speċi oħra msemmija fl-aktar edizzjoni reċenti tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa ta' l-Annimali Akkwatiċi ta' l-OIE u/jew il-Manwal tat-testijiet dijanjostiċi għall-annimali akkwatiċi ta' l-OIE bħala li hija suxxettibbli għall-patoġenu konċernat/marda kkonċernata.

(6) Il-ħelsien skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/183/KE (għall-VHS u għall-IHN) u 2004/453/KE (għall-SVC, għall-BKD, għall-IPN u għall-*G salaris*). Rigward il-VHS, l-IHN, l-SVC, il-BKD u/jew l-IPN, jiġi rikonoxxut ukoll il-ħelsien skond l-edizzjoni l-aktar korrenti tal-Kodiċi u tal-Manwal ta' l-OIE.

(7) Il-punt 3 taċ-ċertifikat għandu jimtela biss jekk il-post tad-destinazzjoni (il-kaxxi I.9 u I.12 tal-Parti I taċ-ċertifikat) għandu garanziji addizzjonali għal waħda jew aktar mill-mard SVC, BKD, IPN u *G. salaris,* u l-konsenja tinkludi speċijiet suxxettibbli għall-marda(mard) ikkonċernata(i) kif imsemmi fin-nota 5. L-Istati Membri jew il-partijiet mill-Istati Membri koperti minn dawn id-dispożizzjonijiet ġew elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness I, u fil-Kapitolu II ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 2004/453/EC kif ġiet emendata l-aħħar.

Spettur uffiċjali

Isem (f'ittri kbar): Kwalifika u titlu

Data: Firma:

Timbru

ANNESS III

In-noti ta' spjegazzjoni

Gwida ġenerali

(a) Iċ-ċertifikati għandhom ikunu prodotti mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li qed jesporta.

(b) L-oriġinal ta' kull ċertifikat għandu jikkonsiti minn paġna waħda, b'żewġ faċċati, jew, fejn hija meħtieġa aktar minn paġna waħda, għandu jkun ta' tali forma li l-paġni kollha jifformaw parti minn ħaġa sħiħa integrata u jkunu indiviżibbli.

(ċ) Fuq in-naħa tal-lemin tal-parti ta' fuq ta' kull paġna, għandu jkun immarkat bħala "oriġinali" u għandu jkollu fuqu numru ta' kodiċi speċifiku maħruġ mill-awtorità kompetenti. Il-paġni kollha taċ-ċertifikat għandhom ikunu nnumerati – *(numru tal-paġna)* minn *(numru totali ta' paġni)*.

(d) L-oriġinal taċ-ċertifikat u t-tiketti msemmija fiċ-ċertifikat mudell għandhom jitfasslu f'mill-inqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istati Membru tal-KE fejn għandha ttitwettaq l-ispezzjoni fuq il-post tal-fruntiera u ta' l-Istat Membru tal-KE tad-destinazzjoni. Madanakollu, dawn l-Istati Membri jistgħu jippermettu lingwi oħra, jekk ikun meħtieġ, akkumpanjati minn traduzzjoni uffiċjali.

(e) L-oriġinal taċ-ċertifikat irid ikun ikkompletat b'timbru uffiċjali dakinhar li titgħabba l-konsensja għall-esportazzjoni lejn il-KE u jrid ikun iffirmat minn spettur uffiċjali maħtur mill-awtorità kompetenti. Filwaqt li tagħmel dan, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura ruħha li jiġu segwiti l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE.

(f) It-timbru, sakemm ma jkunx ibbuzzat 'il barra, u l-firma għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

(g) L-oriġinal taċ-ċertifikat irid jakkumpanja lill-konsenja sakemm tilħaq il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera tal-KE.

(h) Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal 10 ijiem middata tal-ħruġ. Fil-każ ta' trasport b'bastiment, iż-żmien tal-validità jittawwal biż-żmien tal-vjaġġ fuq il-baħar.

Gwida biex timtela l-Parti I taċ-ċertifikati

(a) Il-kaxxa I.8 Reġjun ta' l-oriġini: Jekk ikun meħtieġ: tikkonċerna biss fejn hemm miżuri ta' reġjonalizzazzjoni jew definizzjoni taż-żoni approvati skond din id-Deċiżjoni jew id-Deċiżjoni 2003/858/KE. Ir-reġjuni u ż-żoni approvati jridu jkunu indikati kif dehru fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-UE.

(b) Il-kaxxa I.10. Reġjun tad-destinazzjoni: Cf. Il-kaxxa I.8.

(ċ) Il-kaxxa I.13. Post tat-tagħbija: Jekk differenti mill-kaxxa I.11., agħti l-post fejn l-annimali jitgħabbew u b'mod partikolari, f'każ ta' immontar minn qabel

(d) Il-kaxxa I.20. Kwantità: agħti l-piż totali gross u l-piż totali nett f'kg.

(e) Il-kaxxa I.22. Numru ta' pakketti: agħti n-numru ta' kaxxi li fihom qed jiġu ttrasportati l-annimali.

(f) Il-kaxxa I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal: agħti d-destinazzjoni esklużiva tal-ħut. (L-għażliet possibbli biss għandhom jidhru fuq kull ċertifikat speċifiku)

— Kwarantina: Din tirreferi għall-kwarantina kif meħtieġ skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti

— Annimali domestiċi: Din tapplika wkoll fejn l-annimali akkwatiċi ornamentali huma intenzjonati għal ħwienet li jbiegħu l-annimali domestiċi ta' negozji simili għal aktar bejgħ

— Ċirku/wiri: Din tapplika wkoll fejn l-annimali akkwatiċi ornamentali huma intenzjonati għal akkwarji ta' wiri ta' negozji simili, mhux għal aktar bejgħ

— "Ieħor": intenzjonata għal finijiet li mhumiex elenkati x'imkien ieħor f'din il-klassifikazzjoni, bħall-importazzjoni privata jew permezz tat-trasbordaturi.

(g) Il-kaxxa I.28 L-isem komuni ta' l-ispeċijiet jista' jiġi inkluż flimkien ma' l-isem xjentfiku.

ANNESS IV

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT SANITARJU TA' L-ANNIMALI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET TAL-ĦUT TROPIKALI ORNAMENTALI FIL-KOMUNITÀ EWROPEA

Nota għall-importatur: Dan iċ-ċertifikat huwa biss għal finijiet veterinarji – u fil-forma oriġinali tiegħu – għandu jakkumpanja lill-konsenja sakemm tilħaq il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I : Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel. Nº

I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza | I.2.a

I.3. Awtorita Ċentrali kompetenti

I.4. Awtorita lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel. Nº

I.6.

I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi

I.11. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiż ta' ħsad
Isem
Indirizz

I.12.

I.13. Post ta' tgħabija
Indirizz

I.14. Data ta' tluq ħin ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐
Identifikazzjoni:
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-d ħul fl-UE

I.17. Nru.(Nri) tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodita (Kodiċi CN)
0301 10

I.20. Numru/Kwantita

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' siġill

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati:
Pets ☐ Kwarantina ☐ Ċirku/Ezibizzjoni ☐ Ohrajn ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti
Speċi (Isem xjentifiku) Kwantità

PAJJIŻ **Ħut tropikali ornamentali**

Parti II: Iċ-ċertifikazzjoni

II.	Informazzjoni sanitarja	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

1. **L-attestazzjoni sanitarja ta' l-annimali ghall-importazzjonijiet tal-hut tropikali ornamentali**

Jiena, l-ispettur uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-ħut ħaj, imsemmi fil-kaxxa I.28 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:

— ġie spezzjonat fl-24 siegħa qabel l-iffirmar ta' dan iċ-ċertifikat, u ma wera l-ebda sinjal kliniku ta' mard

— mhux intenzjonat biex jinqered jew jinqatel sabiex marda tinqered mill-għeruq

2. **Ir-rekwiżiti tat-trasport**

Barra minn hekk, immedjatament qabel it-trasport, il-ħut:

— jitqiegħed f'ilma ta' kwalità li ma jbiddilx l-istatus sanitarju tiegħu

— jitqiegħed f'kondizzjonijiet li ma jbiddlux l-istatus sanitarju tiegħu, u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet għall-benesseri ta' l-annimali stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) 1/2005

— jitqiegħed f'kontejners issiġġilati, li ma joħroġx ilma minnhom li huma ġodda, jew li ġew imnaddfa u ddiżinfettati qabel billi ntuża diżinfettant awtorizzat, u li fuq barra għandhom fuqhom tikketta leġġibbli bl-informazzjoni rilevanti msemmija fil-kaxxi I.7 sa I.13 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat u bid-dikjarazzjoni li ġejja:

"Ħut tropikali ornamentali intenzjonat biss għal finijiet ornamentali fil-Komunità Ewropea"

Spettur uffiċjali

Isem (f'ittri kbar): Kwalifika u titlu

Data: Firma:

Timbru